**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Valletta)**
**(Spettur Alfred Mallia)**
**(Spettur James Grech)**

**vs.**

**Massimo Caruana**

Numru: 259/2006

Illum 28 ta' Gunju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Massimo Caruana**, ta' sitta u ghoxrin (26) sena, iben Edwin u Anna neé Bezzina, imwieled Attard fit-23 ta' Jannar 1980 u residenti Nru. 69/A, Triq Zekka, Valletta, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 91880(M)

akkuzat talli:

1. nhar id-19 ta' Novembru 2005, ghall-habta ta' 4.15am, gewwa l-belt Valletta, bil-qerq, holoq jew gieghel li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu l-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

2. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi ddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva, reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali, sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

3. f'dawn il-Gzejjer wara l-24 ta' Novembru 2005, bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor, il-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra riskji jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred 'l hawn u 'l hemm, jew gharraq b'xi mezz li jkun hwejjeg tieghu;

4. fl-14 ta' Marzu u fix-xhur ta' qabel ukoll wara nzul ix-xemx, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom seta' kellu l-uzu jew il-konsum illeggittimu tal-kurrent elettriku ta' aktar minn Lm100.00 (mitt lira Maltin)[1] izda anqas minn Lm1,000.00 (elf lira Maltin)[2] fil-fond "San Mikiel", Triq Sant Anna, il-belt Valletta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-mitt lira[3], u hin, bhala detentur tal-fond jew persuna li ghandha dan il-fond, instabu dawn il-mezzi qarrieqa ghad-detriment tal-Koperazzjoni Enemalta;

5. fl-14 ta' Marzu, u x-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar (*semi-automatic pistol*) tal-marka LORCIN bin-numru tas-serje 214920 minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

---

[1] Ekwivalenti ghal €232.94.

[2] Ekwivalenti ghal €2329.37.

[3] Ekwivalenti ghal €232.94.

6. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 18).

Rat illi, fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 141), l-imputat irriafferma l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 409/2007 redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Audrey Demicoli fejn ikkonkludiet is-segwenti:

> "Illli nhar it-13 ta' Marzu 2007, l-iSpettur Silvio Valletta nforma lill-Magistrat Inkwirenti illi minn investigazzjoni akkurata li ghamlet il-Pulizija, waslu biex ressqu persuna l-Qorti, cioé Massimo Caruana, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 91880(M), biex iwiegeb ghal diversi akkuzi.
>
> Ghaldaqstant, il-Magistrat Inkwirenti, taghlaq dan il-Process Verbal, u wara li tghaqqad mieghu r-rapport tal-Pulizija, flimkien mar-rapport tal-esperti u d-dokumenti minnhom ezebiti, tordna li kollox jintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi".[4]

**Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 189 *et seq.*).**

Semghet, fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 194), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

[4] *A fol.* 4 tal-Process Verbal.

Semghet, fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 194), lid-difiza titlob estensjoni taz-zmien sabiex tipprezenta n-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha, liema talba giet milqugha.

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 196), il-Qorti ghal darb'ohra estendiet iz-zmien moghti lid-difiza sabiex tipprezenta n-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fit-13 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 197 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Frar 2007, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Silvio Valletta** (*a fol.* 22 *et seq.*) fejn spjega b'dak li l-Pulizija giet infurmata bih fl-14 ta' Marzu 2006 wara li Christopher Micallef, Massimo Caruana u Costantino Gouder gew innutati gejjin u sejrin igorru xi affarijiet minn fond *ossia* kamra li hemm sitwata fi Triq Sant'Anna, il-belt Valletta. Jixhed dwar dak li gie nnutat mill-Pulizija meta accedew fuq il-post fejn jghid ukoll li l-persuni msemmija gew arrestati u meta saret tfittxija fil-fond msemmi nstabu fost l-ohrajn arma tan-nar, xi balaklavi, turnaviti, *chasers* kbar u kif ukoll *chassis number* ta' vettura. Jghid li nfethet Inkjesta Magisterjali mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Abigail Lofaro. Jispjega li rrizulta li l-kamra kienet mikrija lil Massimo Caruana u li l-gharusa tieghu Ruth Mifsud kienet tigbor il-kera. Jghid li rrizulta li x-*chassis number* misjub kien jappartjeni lil Peugeot li l-istess Massimo Caruana kien irraporta li kienet insterqitlu fid-19 ta' Novembru 2005. Jghid li Caruana ghazel li ma jwegibx ghall-ebda domanda li saritlu. Jghid ukoll li nstab cekk tar-*relief* f'isem Diane Lovely li nfurmathom li waqt li kienet qieghda ghand il-*hairdresser*, Ruth Mifsud qaltilha biex taghmel il-Karta tal-Identita' fuq dak l-indirizz halli tkun tista' tiehu r-*relief*. Jghid li Ruth Mifsud ma wiegbet ghall-ebda domanda li saritilha. Ezebixxa stqarrija rilaxxata mill-imputat Caruana, liema stqarrija giet immarkata

bhala Dok. "MC" (*a fol.* 25 *et seq.*). Jghid ukoll li nstab *meter* tad-dawl li kien imqabbad irregolarment u li minkejja li gew infurmati l-Enemalta, l-Enemalta ma bghatitx *letter to prosecute* peress li s-serq kien minimu ghalihom.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2013, xehed **Brian Farrugia** (*a fol.* 97 *et seq.*) in rapprezentanza ta' Transport Malta fejn spjega li minn ricerka li saret irrizulta li vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAE 574 ta' l-ghamla Peugeot 406 u ta' kulur abjad kienet ilha registrata fuq isem l-imputat Caruana mill-10 ta' Gunju 2005 sa dakinhar li xehed. Jghid li gew notifikati mill-Pulizija li din il-vettura giet misruqa f'Novembru 2005 u dana in segwitu ta' rapport relattiv mal-Pulizija. Jixhed ukoll li fl-14 ta' Marzu 2006 vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBR 771, li hija vettura ta' l-ghamla Toyota Corsa ta' kulur *silver*, kienet registrata fuq certu Joseph Micallef mill-belt Valletta. Jghid li sussegwentement din il-vettura giet trasferita hames darbiet ohra. Ezebixxa d-dokumentazzjoni li xehed fuqha li giet immarkata bhala Dok. "BF" (*a fol.* 99 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2013, xehed **PS 1098 Anthony Scerri** (*a fol.* 108 *et seq.*) fejn spjega li fl-14 ta' Marzu 2006 ghal habta tas-1.45am giet ricevuta telefonata l-Ghassa tal-Pulizija fejn gew infurmati li kien hemm Massimo Caruana u Costantino Gouder qeghdin igorru xi affarijiet fi Triq Sant'Anna fil-belt Valletta. Jghid li marru jaghmlu r-ronda f'dawk l-inhawi fejn ma gie nnutat xejn. Jghid li aktar tard regghu marru u li hekk kif kienu fi Triq l-Ifran, kantuniera ma' Triq Sant'Anna, innota lil Massimo Caruana jaghlaq bieb ta' fond fi Triq Sant'Anna u mieghu kien hemm Costantino Borg u Christopher Micallef. Jghid li meta dawn gew mghajta, it-tlitt persuni telqu jigru u filwaqt li Caruana u Gouder daru lejn Charles Street u ghebu, Christopher Micallef inqabad fil-kantuniera ta' Bull Street. Jghid li Micallef qal li kien qed jistenna lil xi hadd. Jghid li gie miftuh il-fond in kwistjoni fejn fih instabu diversi affarijiet fosthom balaklavi, pistola, *dehumidifier*, ix-*chassis number* ta' vettura, lievi, torc, u gakketta.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2013, xehdet ukoll **WPS 217 Alison Formosa** (*a fol.* 110 *et seq.*) fejn qalet li fid-19 ta' Novembru 2005 l-imputat kien irraporta li xi hadd kien seraqlu l-vettura bin-numru

ta' registrazzjoni LAE 574 tal-ghamla Peugeot minn quddiem ir-residenza tieghu fil-belt Valletta. Hija ezebiet r-rapport redatt minnha li gie mmarkat bhala Dok. "AF" (*a fol.* 112 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2013, xehdet ukoll **WPS 125 Christabelle Mallia** (*a fol.* 115) fejn spjegat li mis-sena 2006 sa dakinhar li xehdet l-imputat ma kellu l-ebda licenzja tal-armi. Ezebiet id-dokument li xehdet fuqu li gie mmarkat bhala Dok. "CM" (*a fol.* 117).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2013, xehdet ukoll **Mary Tanti** (*a fol.* 118 *et seq.*) in rapprezentanza tal-Ufficju Elettorali, Sezzjoni tal-Karta tal-Identita', fejn qalet li bejn l-1 ta' Frar 2006 u l-14 ta' Marzu 2006 certu Ruth Mifsud detentrici bil-Karta tal-Identita' bin-Numru 11378(M) kienet toqghod 70A, Triq Zekka, il-belt Valletta. Minn ricerka li ghamlet fuq Lovely Diane Vella Casao detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 45504L qalet li mentri f'Jannar 2006 din il-persuna kienet toqghod "San Mikiel", Triq l-iSptar, il-belt Valletta, fis-16 ta' Marzu 2006 l-indirizz inbidel ghal 60, Flat 7, Triq l-iSptar, il-belt Valletta. Ezebiet id-dokumentazzjoni li xehdet fuqha li giet immarkata bhala Dok. "MT" (*a fol.* 120 *et seq.*) u Dok. "MT 1" (*a fol.* 122 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2013, xehdet ukoll **Romina Elouani** (*a fol.* 124 *et seq.*) fejn spjegat li lil Ruth Mifsud ilha tafha madwar tmien snin u tghid li lil Mifsud kienet taghmilha xagharha. Mistoqsija dwar Lovely Diane Vella Casao tghid li ilha tafha mindu kienu zghar u li anke lil Vella Casao kienet taghmlilha xagharha. Tghid li Ruth Mifsud kienet qaltilha (lil Elouani) li kellha kamra li riedet tikriha u hi (Elouani) qalet lil Vella Casao biha ghax riedet tikri kamra. Tghid li hi ma tafx fejn hi l-kamra ezatt pero taf li tinsab il-belt Valletta. Mistoqsija tghid ma' min kienet tohrog Ruth Mifsud dak iz-zmien, twiegeb: *"Ma nafx. Ma nafx. Ma' Massimo?"* (*a fol.* 125). Mistoqsija tghid jekk taghrafx lil dan Massimo minn wiccu, identifikat lill-imputat.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2013, xehdet ukoll **Lovely Diane Vella Casao** (*a fol.* 127 *et seq.*) fejn qalet li lil Ruth Mifsud ilha tafha peress li hi mill-belt Valletta. Mistoqsija dwar il-fond fil-belt

Valletta li fis-sena 2006 giet mitkellma fuqu mill-Pulizija tghid li Romina Elouani qaltilha li certu Ruth kellha kamra biex tinkera u Romina qalet lil Ruth u Ruth kritilha l-kamra. Tghid li lil Ruth tafha peress li joqghodu kwazi fl-istess triq. Ma tafx ma' min kienet tohrog Ruth dak iz-zmien. Mistoqsija tghid l-indirizz tal-kamra twiegeb biss li taf li tinsab fi Triq Sant'Anna fil-belt Valletta. Tghid li Ruth kienet qaltilha li kienet ser tisbarazza l-kamra peress li kienet tqila u kienet toqghod fiha u x'hin tlesti tizbarazzaha kienet taghtiha c-cavetta (lil Vella Casao). Tghid li hija (Vella Casao) giet migbura mill-Pulizija peress li fil-fond in kwistjoni nstabu xi affarijiet. Tghid ukoll li f'dak iz-zmien li giet infurmata mill-Pulizija li kien hemm xi affarijiet fil-fond, il-fond kien ghand Ruth. Tixhed li lill-imputat tafu minn wiccu pero tghid li qatt ma kellmitu. Mistoqsija tghid jekk tafx x'relazzjoni kellu l-imputat ma' Ruth, wiegbet: *"Nahseb, kien l-gharus taghha?"* (*a fol.* 129). Meta regghet giet mistoqsija, wiegbet: *"Ma nafx"* (*a fol.* 129). Meta giet murija fotokopja ta' Karta tal-Identita' minn quddiem u minn wara, liema fotokopja giet immarkata bhala Dok. "JG" (*a fol.* 132 u 133), ikkonfermat li din hija taghha. Ikkonfermat ukoll l-indirizz fuq dan id-dokument. Mistoqsija tghid jekk tiftakarx meta kien il-perjodu, bejn wiehed u iehor, wiegbet fin-negattiv. Mistoqsija dwar is-sena, wiegbet ukoll fin-negattiv. Mistoqsija dwar l-istagun, wiegbet: *"Le, two thousand and six (2006) iva, ghax kont – u f'April. Nahseb, ghax kont tqila bit-tifla tmien xhur u nofs"* (*a fol.* 130). Mistoqsija tghid jekk fl-ahhar mill-ahhar dan il-fond kienx zvojtjat, wiegbet fin-negattiv. Tghid li ma ghamlet l-ebda uzu minnu.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2014, xehed **Dr. Louis Bianchi** (*a fol.* 151 *et seq.*) in rapprezentanza ta' Bonnici Insurance fejn qal li huma agenti tal-Middlesea Insurance plc. Jghid li f'Gunju 2005 certu Massimo Caruana li ghandu l-istess Karta tal-Identita' bhal dik tal-imputat fil-kawza odjerna kien assigura vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni LAE 574 u li fl-24 ta' Novembru 2005 ghamel rapport ma' Bonnici Insurance fejn qal li fid-19 ta' Novembru 2005 ghat-3.00am kienet insterqitlu l-vettura msemmija u ghamel *claim* fuqha. Jghid li Caruana qal hekk: *"While I was asleep and my car was parked in front of my housedoor I hear a noise and woke me up all of a sudden. Since I've got security cameras installed and saw that the car was moving I got outside, tried to open the rear door*

*but it got away…I made a report at that time at the Valletta Police Station"* (*a fol.* 151). Jghid li in segwitu tal-*claim* imsemmija, Bonnici Insurance hallset lil Massimo Caruana s-somma ta' elf, seba' mija u wiehed u sebghin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm1,771.38) ekwivalenti ghal erbat'elef, mija u sitta u ghoxrin Euro u wiehed u ghoxrin centemzu (€4,126.21). Ezebixxa l-kwerela datata 3 ta' Novembru 2006 in konnessjoni mal-kaz odjern, liema kwerela giet immarkata bhala Dok. "LB" (*a fol.* 153). Ezebixxa wkoll kopja tas-*schedule* tal-vettura (Dok. "LB 1" – *a fol.* 154), kopja tal-*claim* li saret minn Massimo Caruana (Dok. "LB 2" – *a fol.* 155 *et seq.*), u kif ukoll kopja tal-*log book* mahrug f'isem Massimo Caruana (Dok. "LB 3" – *a fol.* 163).

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2014, xehed ukoll l-i**Spettur Trevor Micallef** (*a fol.* 164 *et seq.*) fejn spjega li fl-14 ta' Marzu 2006 kien stazzjonat bhala surgent 414 fl-Ghassa tal-Pulizija tal-belt Valletta. Jghid li ghal habta ta' 1.45am giet ricevuta telefonata li nfurmathom li kien hemm l-imputat u Gouder li kienu fi Triq Sant'Anna l-belt Valletta dehlin u hergin minn go fond jitfghu xi affarijiet fih. Jghid li hu mar fuq il-post flimkien ma' PC 1098 u PC 696 fejn wara li daru l-akwati ma sabu xejn. Jghid li wara xi hames minuti regghu marru u hekk kif hargu mill-vettura raw lill-imputat, lil Gouder u lil persuna ohra Micallef isakkru bieb ta' fond fi Triq Sant'Anna. Jghid li hekk kif dawn gew imsejha, it-tlitt persuni telqu jigru. Jghid li Micallef kien inqabad ftit il-boghod minn hemmhekk u li Micallef qalilhom li kien qieghed jistenna lit-tfajla tieghu. Jghid li meta nfetah il-bieb tal-fond go fih instabu diversi affarijiet fosthom *plates* tac-*chaser*, *dehumidifier* mixghul, pistola zghira antika, kif ukoll pjanca b'*chassis number* ta' vettura li mbaghad rrizulta li kienet ta' vettura Peugeot 406 bin-numru ta' registrazzjoni LAE 574 li kienet rapportata misruqa mill-imputat stess fid-19 ta' Novembru 2005. Jghid li gie nfurmat l-iSpettur Mallia fejn kien informa lill-Magistrat Inkwirenti u saret inkjesta. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "TM" (*a fol.* 166 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2014, xehed ukoll l-i**Spettur James Grech** (*a fol.* 170 *et seq.*) fejnipprezenta tlitt sentenzi li gew

immarkati bhala Dok. "JG" (*a fol.* 172), Dok. "JG 1" (*a fol.* 173) u Dok. "JG 2" (*a fol.* 174 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi taht l-ewwel hames imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat l-imputat jinsab akkuzat b'numru ta' imputazzjonijiet relatati ma' dak li nstab fl-14 ta' Marzu 2006 gol-fond "San Mikiel, Triq Sant'Anna, Valletta liema post jsir riferenza ghalih fl-atti processwali fejn l-imputat gie nnutat flimkien ma' zewg persuni ohra jgorr xi affarijiet fih. F'kaz li l-imputat ma jinstabx hati ta' dawn l-imputazzjonijiet, huwa ma jista' qatt jinstab hati tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u cioé li rrenda ruhu recidiv.

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-Rigward ta' Provi Cirkostanzjali**

Illi din il-kawza hija bbazzata fuq provi cirkostanzjali. Huwa rikjest li l-Prosekuzzjoni tipprova li l-imputat kellu pussess tal-fond in kwistjoni. *Da parte* taghha l-Prosekuzzjoni tinsisti li gie pruvat li l-imputat kellu l-kontroll tal-post imsemmi. Id-difiza ma taqbilx ma' dan.

Illi l-Qorti ser taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 fejn inghad is-segwenti:

> "Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs

kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Lee Borg**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-prezunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju 1961 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**: *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika"*.

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **Teper vs. R** (1952) jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*
>
> Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.
>
> Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni".

Illi l-Qorti tirrikonoxxi li fil-fond in kwistjoni nstabu fost l-ohrajn arma tan-nar, xi balaklavi, turnaviti, *chasers* kbar u kif ukoll *chassis number* ta' vettura li l-imputat kien irraporta misruqa zmien qabel.

Illi l-Qorti m'ghandhiex dubju fir-rigward tas-segwenti:

(a) li l-imputat kien sid ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAE 574 liema vettura giet rappurtata nieqsa fid-19 ta' Novembru 2005;

(b) li huwa ma kellux l-ebda licenzja ta' armi.

Illi *jidher* li certu Ruth Mifsud kienet it-tfajla tal-imputat. Il-Qorti tinnota li din Ruth Mifsud, minkejja li setghet titfa' dawl ahjar fir-

rigward ta' dak allegat mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz, ghal xi raguni jew ohra ma gietx mressqa bhala xhud mill-istess Prosekuzzjoni.

Illi Romina Elouani xehdet li kienet taghmel ix-xahar lil Ruth Mifsud u lil Lovely Diane Vella Casao u minkejja li Elouani qalet lil Vella Caseo li Ruth Mifsud kellha fond *ossia* kamra li riedet tikrieha u minkejja li Lovely Diane Vella Casao qalet li Ruth Mifsud kritilha din il-kamra pero Lovely Diane Vella Caseo xehdet li hija qatt ma ghamlet uzu minn din il-kamra. Il-Qorti tinnota li anke kieku, ghall-grazzja tal-argument, Vella Caseo kienet effettivament taghmel uzu minn dan il-fond, u dana rrilevanti x'jirrizulta mill-Karta tal-Identita' taghha, jibqa' l-fatt li meta Elouani u kif ukoll Vella Casao jitkellmu fuq il-fond in kwistjoni fid-depozizzjoni taghhom huma jaghmlu riferenza ghal Ruth Mifsud u **MHUX** ghall-imputat!

Illi, apparti minn dak li nghad fil-paragrafu precedenti, il-Qorti tinnota wkoll li mentri fid-depozizzjoni taghha Romina Elouani qalet li ma tafx ezatt fejn hu l-fond pero taf li jinsab il-belt Valletta, meta Lovely Diane Vella Casao giet mistoqsija tghid l-indirizz tal-fond hija wiegbet biss li taf li dan jinsab fi Triq Sant'Anna fil-belt Valletta.

Illi fid-depozizzjoni tieghu l-iSpettur Silvio Valletta xehed li rrizulta li l-fond in kwistjoni kien mikri lil Massimo Caruana u li l-gharusa tieghu Ruth Mifsud kienet tigbor il-kera. Minkejja dak li xehed l-iSpettur Valletta u minkejja li fil-fond imsemmi nstab ix-*chassis number* tal-vettura li kienet giet rappurtata nieqsa mill-imputat xi zmien qabel, il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li l-fond kien effettivament fil-pussess tal-imputat. <u>Kien ikun ferm ahjar kieku l-Prosekuzzjoni gharfet tressaq il-provi taghha b'mod ahjar f'dawn il-proceduri u pruvat tintracca sid il-fond u tressqu bhala xhud u tressaq bhala xhieda wkoll lil Ruth Mifsud u lil rapprezentant tal-Enemalta. Dan qed jinghad tenut kont tal-fatt li l-Prosekuzzjoni damet mis-16 ta' Marzu 2006 sas-26 ta' Novembru 2014 sabiex tressaq u taghlaq il-provi taghha b'mod definittiv (*a fol.* 150) wara li fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 141) il-Qorti diversament preseduta kienet iddikjarat il-provi tal-</u>

Prosekuzzjoni bhala maghluqa liema stadju ta' provi rega' gie dikjarat miftuh permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti diversament preseduta fil-5 ta' Novembru 2014 (*a fol.* 147).

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** moghtija fil-15 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-kaz kif jemerġu mill-provi inkluzi dawk li fuqhom straħet l-ewwel Qorti u din il-Qorti waslet għall-konkluzjoni li fuq dawk iċ-ċirkostanzi l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konkluzjoni li waslet għaliha u ċioé li l-imputati appellanti huma ħatja mingħajr dubbju dettat mir-raġuni tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. L-aktar 'il bogħod li wieħed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiġġeneraw suspett raġonevoli li l-imputati ikkommettew l-għemil imputat lilhom mill-Prosekuzzjoni, izda prova sa dan il-grad ma hix bizzejjed sabiex jintlaħaq il-grad għoli ta' prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali".

Illi, mehud dan kollu li nghad hawn fuq in konsiderazzjoni, jirrizulta li fil-kawza odjerna jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputat huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat. Illi l-prezenza tal-imputat flimkien ma' zewg persuni ohra dakinhar tal-akkadut fil-fond in kwistjoni jista' jindika diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma tista' qatt tkun prova univoka u ma tista' qatt twassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda. Il-Qorti tista' tispekula dwar x'involviment setgha kellu l-imputat ma' dak misjub fil-fond in kwistjoni madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Massimo Caruana hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

__________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

__________________________

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**